

**Rikors ippreżentat fil-21 ta' April 2010 — Zitro IP vs UASI — Show Ball Informática (BINGO SHOWALL)**

(Kawża T-179/10)

(2010/C 161/83)

Lingwa tar-rikors: l-Ispanjol

**Partijiet**

Rikorrenti: Zitro IP Sàrl (il-Lussemburgu) (rappreżentant: A. Canela Giménez, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Show Ball Informática Ltda

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla d-deċiżjoni tal-UASI

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Applikant għat-trade mark Komunitarja: Ir-rikorrenti

Trade mark Komunitarja kkonċernata: It-trade mark verbali "BINGO SHOWALL" (Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni Nru 6 059 919) għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 9, 28 u 41

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjali invokat insostenn tal-oppożizzjoni: Show Ball Informática Ltda.

Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: It-trade mark figurattiva Komunitarja Nru 5 092 275 li tinkludi l-elementi verbali "SHOW BALL", għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 9 u 42

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: Applikazzjoni għal reġistrazzjoni miċħuda parzjalment

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: Appell miċħud

Motivi invokati: Interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 8(1) tar-Regolament Nru 207/2009 dwar it-trade mark Komunitarja.

**Rikors ippreżentat fis-16 ta' April 2010 — Nickel Institute vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-180/10)

(2010/C 161/84)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliš

**Partijiet**

Rikorrenti: Nickel Institute (Toronto, il-Kanada) (rappreżentant: K. Nordlander, avukat, u H. Pearson, Solicitor)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tiddikjara r-rikors għal annullament ammissibbli;

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni SG.E3/HP/psi — Ares(2010)65824, tat-8 ta' Frar 2010, li permezz tagħha l-Kummissjoni rrifjutat l-aċċess sħiħ għal ċerti dokumenti mitluba mir-rikorrenti bis-saħħa tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 <sup>(1)</sup>, u

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Permezz ta' dan ir-rikors, ippreżentat skont l-Artikolu 263 TFEU, ir-rikorrenti titlob l-annullament tad-Deċiżjoni SG.E3/HP/psi — Ares(2010)65824, tat-8 ta' Frar 2010, li permezz tagħha l-Kummissjoni rrifjutat l-aċċess sħiħ għal ċerti dokumenti mitluba mir-rikorrenti bis-saħħa tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001. Din id-deċiżjoni kkonfermat, *inter alia*:

— id-deċiżjoni tal-aġent Direttur Ġenerali tas-servizz legali tal-Kummissjoni li tirrifjuta l-aċċess sħiħ għal seba' dokumenti li jiżvelaw l-evalwazzjoni ta' dan is-servizz dwar l-abbozz tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/58/KE <sup>(2)</sup>;

— id-deċiżjoni tad-Direttur tad-Direttorat D tad-DG Ambjent li tirrifjuta l-aċċess sħiħ għal żewġ dokumenti li jiżvelaw l-evalwazzjonijiet ta' Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni dwar l-abbozz tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/58/KE, u

— li l-Kummissjoni ma kellha ebda dokument, ebda rikordju jew korrispondenza (inkluż dokumenti li jsegwu jew kummentarji) li jinkludu evalwazzjoni tas-servizz legali dwar l-abbozz tad-Direttiva 2009/2/KE <sup>(3)</sup>.

Insostenn tat-talbiet tagħha, ir-rikorrenti tinwoka diversi motivi:

L-ewwel nett, is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni wettaq żball manifest ta' evalwazzjoni u kiser it-tieni inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, meta interpreta l-eċċezzjoni dwar il-protezzjoni tal-opinjoni legali fir-rigward ta' numru mid-dokumenti mitluba.

Barra minn hekk, is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni wettaq żball manifest ta' evalwazzjoni u kiser it-tieni inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, meta interpreta l-eċċezzjoni dwar il-protezzjoni tal-proċeduri legali fir-rigward ta' numru mid-dokumenti mitluba.

Fl-aħħar nett, is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni wettaq żball manifest ta' evalwazzjoni u kiser l-Artikolu 8(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 billi naqas milli jidentifika u jagħti aċċess għal dokumenti li fihom is-servizz legali jagħti l-opinjoni tiegħu dwar l-abbozz tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2009/2/KE.

- (<sup>1</sup>) Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-30 ta' Mejju 2001, dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331)
- (<sup>2</sup>) Direttiva tal-Kummissjoni 2008/58/KE, tal-21 ta' Awissu 2008, li temenda, bil-għan li tadatta għall-progress tekniku, għat-30 darba d-Direttiva tal-Kunsill Nru 67/548/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi rigward il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkjetar tas-sustanzi perikolużi (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) (ĠU L 246, p. 1)
- (<sup>3</sup>) Direttiva tal-Kummissjoni 2009/2/KE, tal-15 ta' Jannar 2009, li temenda, bil-għan li tadatta għall-progress tekniku, għat-31 darba, id-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE rigward l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u t-tikkettjar ta' sustanzi perikolużi (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) (ĠU L 11, p. 6)

## Rikors ippreżentat fid-19 ta' April 2010 — AISCAT vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-182/10)

(2010/C 161/85)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

### Partijiet

**Rikorrenti:** Associazione Italiana delle Società Concessionarie per la costruzione e l'esercizio di Autostrade e Trafori stradali (AISCAT) (Ruma, l-Italja) (rappreżentant: M. Maresca, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-10 ta' Frar 2010.

### Motivi u argumenti prinċipali

Dan ir-rikors huwa intiż għall-annullament tad-deċiżjoni li tinsab fl-ittra tal-Kummissjoni Ewropea ta' Frar 2010, li eskliudiet l-eżistenza ta' ksur tal-Artikolu 87 tat-Trattat KE (li sar Artikolu 107 TFUE) mir-Repubblika Taljana għaliex din tal-kostruzzjoni u l-ġestjoni ta' parti mill-awtostrada (Passante di Mestre) mingħajr sejħa għal offerti lil kumpannija mħallta pubblika/privata, is-CAV S.p.A (kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata li fiha ANAS S.p.A. u r-Reġjun Veneto għandhom azzjonijiet indaqs), u li ffinanzjat din il-kostruzzjoni b'żieda fit-tariffi li jitħallsu għall-użu ta' triq fil-parti tal-awtostrada parallela u kompetittriċi.

Il-motivi insostenn tal-eżistenza tal-ksur tal-Artikolu 87 tat-Trattat KE (li sar Artikolu 107 TFUE) mir-Repubblika Taljana huma tnejn.

Fl-ewwel lok, il-fatt li r-Repubblika Taljana tat direttament lil CAV il-konċessjoni ta' kostruzzjoni u ġestjoni tal-Passante di Mestre permezz tal-Artikolu 2(290) tal-Liġi Nru 244 tal-24 ta' Diċembru 2007 jikkostitwixxi għajna mill-Istat inkwantu l-kundizzjonijiet li jawtorizzaw is-sejħiet għal offerti magħrufa bħala in house ma kinux sodisfatti u li l-kumpannija li nġhatat l-offerta hija kumpannija mħallta li għandha vantaġġ kompetittiv minħabba l-karatteristiċi statutorji u ta' tmexxija tagħha. Fil-fatt, 50 % tal-azzjonijiet ta' CAV huma miżmuma minn ANAS li, minkejja li għandha rwol regolatorju pubbliku, teżerċita wkoll attivitajiet kummerċjali (kostruzzjoni u ġestjoni ta' awtostrada) fuq suq li tirregola hi stess u fuq liema hija stess hija konċedenti.

Fit-tieni lok, il-fatt li r-Repubblika Taljana approvat il-ftehim bejn ANAS (bħala korp konċedenti) u CAV, li kien jirrigwarda l-finanzjament tal-Passante di Mestre permezz ta' żieda fit-tariffi li jitħallsu għall-użu ta' triq fil-parti tal-awtostrada parallela u kompetittriċi, jikkostitwixxi għajna mill-Istat favur CAV.

Iż-żieda fit-tariffi, fil-fatt, kienet il-metodu li permezz tiegħu t-traffiku tal-vetturi bil-mutur ġie ddevjat lejn il-parti l-ġdida tal-awtostrada (Passante di Mestre) u, fl-istess ħin, din iż-żieda wasslet għal tnaqqis fit-traffiku fl-awtostrada kompetittriċi (Tangeziale di Mestre), li kienet suġġetta għal tali żieda. L-għajna għalhekk ma hijiex, fiha nnifisha, is-somma riżultanti miż-żieda fit-tariffi iżda l-vantaġġ kompetittiv illi CAV tieħu minn din iż-żieda filwaqt li, min-naħa l-oħra, il-kumpannija konċessjonarji tat-Tangeziale di Mestre jsufri telf.